KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL
Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe
sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888, Mob. 99719801

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar numru 74, miżmuma nhar it-Tnejn, 10 ta' Diċembru, 2018 fil-17:30, ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.**

Il-Laqgħa bdiet fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

---

**Membri Preżenti:**

- Anne Fenech — Sindku
- Graziella Galea — Kunsillier
- Alfred Grima — Kunsillier
- Paul Bugeja — Kunsillier
- Mandy Buhagiar — Kunisllier
- Stephen Cremona — Kunsillier
- Joseph Vella — Kunsillier
- Antoinette Bezzina — Kunsillier
- Rodney Galea — Kunsillier
- Dounia Borg — Kunsillier

**Membri Skużati:**

- Edward Bugeja — Kunsillier
- Robert Piscopo — Kunsillier

**Membri Assenti:**

- Daniel Grima — Viċi Sindku

Segretarju Eżekuttiv – Mariella Strout

# Minuti 74

## 74.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

Is-Sindku qrat l-ittri tal-apoloġija mingħand:
Il-Kunsillier – Edward Bugeja minħabba li ma jiflaħx.
Il-Kunsillier – Dr. Robert Piscopo minħabba impenji personali.

## 74.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

### 74.2.1 Approvazzjoni tal-Minuti Nru 71 Laqgħa Urġenti

**Paġna 3 – SPB T/05/2018 Tender – Upkeep and Maintenance of Soft Areas in San Pawl il-Baħar using environmently friendly measures**

Il-Kunsillier Alfred Grima qal li wara l-kelma "dokumenti" jitneħħa il-kliem "kollha li kien intbagħtu mill-Operaturi Ekonomiċi kollha sabiex terġa ssir evalwazzjoni ta' dawn dokumenti" u minflok jiżdied "relatati mat-tiżjin".

**Paġna 3 – SPB T/05/2018 – Tender Soft Areas**

Il-Kunsillier Alfred Grima qal li l-kliem "li l-kunsill approva" għandhom jiżdiedu wara "ma kienx eliġibbli".

Minuti ta' Laqgħa Nru 71 Laqgħa Urġenti approvati hekk kif emendati.

### 74.2.2 Approvazzjoni tal-Minuti Nru 72

**Paġna 2 – Pagna 5**

Il-Kunsillier Alfred Grima qal li għandha titneħħa s-sentenza "Il-Kunsillier Alfred Grima qabel."

**Pagna 3 – Pagna 4 – (66.6)**

Il-Kunsillier Grazeilla Galea qalet li qrat "korrispondenza" u mhux "cirkolari".

**Pagna 5 – Pagna 8**
Il-Kunsillier Joseph Vella qal li jizdied l-isem ta' l-Hon. Clayton Bartolo fil-kommunikazzjoni li saret bejniethom fil-minuti rigward kunttt dirett ma' AYA NAPA.

**Pagna 6 – Attivita Wignacourt**
Il-Kunsillier Grazeilla Galea qalet li hemm cans li l-fondi jintilfu.

**Pagna 7 – 68.13 Tenders u kwotazzjonijiet**
Il-Kunsillier Joseph Vella qal li jizdied "Il-Kunsillier Joseph Vella qal" fir-rigward it-tibdil tal-kelma xjuh ghal anzjani.

**Pagna 9 – Premju Zaghzugh tas-Sena**
Tizdied l-isem tal-kunsilliera Grazeilla Galea

**Pagna 10 – 72.2 Kominkazzjoni mis-Sindku 2)**
Il-Kunsilliera Graziella Galea qalet li l-iskema kienet ghaddiet wara li l-kunsillier Paul Bugeja talab klarifika.

**Pagna 10 – 72.2 Kominkazzjoni mis-Sindku 4)**
Il-Kunsillier Paul Bugeja xtaqt izzid li l-Kappilan ta' San Pawl il-Bahar ma attendiex ghal funzjoni wara li saru hafna tentattivi u saqsa jekk il-mistiednin kollha (l-Muzew, l-NGOs u dawk li wegghu (jew li jigu minnhom) li ftehmu fil-laqgha tal-kunsill ghal ftuh ufficjali tal-Bandli Thalasselejn gewx iffurmati u s-Sindku qalet li ma gewx infurmati kollha. Is-SE qalet li trid tar l-minuti. Il-kunsillier Paul Bugeja talab ir-risposta bil-miktub biex ma jkunx hemm bzonn intervent b'avukat.

**Pagna 11 – 72.2 Kominkazzjoni mis-Sindku 9)**
PA1356/18 tinbidel ghal PC1356/18.

Minuti ta' Laqgħa Nr 72 approvati hekk kif emendati.

74.2.3 Approvazzjoni tal-Minuti Nru 73
Pagna 4 – Item 794 -
Il-Kunsillier Alfred Grima xtaqt li jiżdiedu l-kliem "dwal ta' triq Hzejjen u l-kaxxa 3 phase ta' triq Port Ruman" wara l-kelma "shifting".

Pagna 4 – Item 796/797
Il-Kunsillier Alfred Grima xtaqt li tiżdied "?" fl-aħħar tas-sentenza.

Pagna 5 – 73.4 – Tweġibiet għal Mistoqsijiet tal-Kunsilliera
Il-Kunsillier Alfred Grima xtaqt li jiżdiedu l-kliem "u l-finanzi" wara l-kelma "October" u jiżdiedu l-mistoqsijiet segwenti:

Fuq l-attività 1/10/18 Pink October: Kemm inġabru kwotazzjonijiet?
Fi x'ħin din is-sejħa fetħet u għalqet?
Meta u fi x' ħin ħarġet il-works order?
X'kien mikri u kemm kien l-ammont totali?

Fuq Finanzi: Inkun korrett jekk ngħid li l-kunsill waqaf jirċievi fondi minħabba li hemm aktar minn 5 miljun euro fondi tal-UIF?

Paġna 6 – 73.8 - Ġnien/Playing Field tal-Vecc – Funtana/Gym
Il-Kunsillier Alfred Grima xtaqt li jiżdiedu l-kliem "u l-gym" wara l-kelma "xogħol" fl-aħħar paragrafu sħiħ u titneħħa l-kelma "u" u minflokha tidhol il-kelma "jekk". Il-Kunsillier Graziella Galea riedet tibdel "li jsir xogħol għal għajn in-nies." għal "jsir xogħol mgħaġġel għal għajn in-nies iżda għandu jsir kif suppost, skond is-sengħa."

Paġna 7 – 73.9 – Xogħolijiet infrastrutturali fi Triq il-Kaħli, Triq id-Duluri, Triq Għawdex
Il-Kunsillier Alfred Grima xtaqt li jitneħħew il-kliem "qablu li" u minflok jiddaħħlu l-kliem "jafu bl-eżatt x'qiegħed issir f'dik". Il-Kunsillier Graziella Galea riedet tibdel il-kelma "ir-resurfacing" għal "biss patching".

Paġna 8 – 73.10 – Kjarifiki u mistoqsijiet tal-Kunsilliera li ilhom xhur pendenti

Il-Kunsillier Alfred Grima xtaqt li jitneħħew il-kliem "huma annessi ma' dawn il-minuti bħala DOC A." U minflok jidħlu l-kliem "baqgħu mhux imwieġba".

**Paġna 8 – 73.11 – Ilmenti u emails imressqa mill-kunsilliera li għandhom pendenti/injorati**

Il-Kunsillier Alfred Grima xtaqt li wara il-kelma "dwarhom" jiżdied "li l-kunsill qabel li item 73.10 u 73.11 jerġgħu jitniżżlu fl-Agenda tal-laqgħa li jmiss".

**Paġna 8 – Ħarġa Kulturali**

Il-Kunsillier Rodney Galea qal li l-coach li ġiet ordnata mhux tajba għall-anzjani għax ma kienitx baxxa u antika u qed jitlob x'ser issir f'dan ir-rigward għal darb'oħra? Is-Sindku Anne Fenech qalet li Sandra Grech irraportat minnufih lil Paramount u bagħtet email fuq dan ir-rigward. Il-Kunsillier Mandy Buħagiar qalet jekk kienx hemm speċifikat fil-kommunikat meta ġiet ordnata l-private? Il-Kunsillier Rodney Galea xtaq il-korrispondenza ta' din l-email.

**Paġna 9 – Next Bike**

Il-Kunsillier Alfred Grima xtaqt iżżid "Id-deċiżjoni kienet, li qabel issir il-ħlas jiġi żgurat li TM sodisfatta b'dak propost mill-kumpanija." Is-Sindku Anne Fenech qalet li ma kienx hemm deċiżjoni. Il-Kunsillier Alfred Grima insista li kien hemm deċiżjoni.

Minuti ta' Laqgħa Nr 73 approvati hekk kif emendati.

Il-Laqgħa ġiet sospiza sakemm l-Accountant spjegat ir-Rapport.

## 74.5 Rapporti / Jew approvazzjoni ta' Rapporti

### 74.5.2 Quarterly Financial Report

Il-Quarterly Financial Report ġie approvat.

### 74.5.1 Reply to Management Report for year ended 31 December 2017

Il-Kunsillier Paul Bugeja saqsa min għamel ir-rapport? L-Accountant Romina qalet li Delcine u hi għamluh. Il-Kunsillier Paul Bugeja qal li ma kienx hemm żmien biżżejjed biex jara r-rapport peress li wassal għandu dak in-nhar stess. Is-SE qalet li kien hemm deadline. Il-Kunsillier Alfred Grima saqsa lis-SE jekk rajtx ir-rapport u wieġbet li ma kellhiex żmien biex tara fid-dettal. Il-Kunsillier Paul Bugeja qal li dawn ha jiġu taħt l-iskrutinju tal-awditur u jaf issib ħafna issues, fejn l-awditur jibgħat lil Ministru u dan jgħaddih lil parlament.

Il-Kunsillier Graziella Galea qalet li fir-rapport irrid ikun hemm li kien hemm erbgħa SE fis-sena 2017. Is-SE qalet li kien hemm xi karti neqsin iżda l-Kunsillier Graziella Galea qalet li jaf il-karti huma misplaced. Il-Kunsillier Paul Bugeja qal li l-Kunsill irrid iwieġeb għal xi nuqqasijiet.

## 74.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku Anne Fenech qalet li l-PA 10370/17 wasslet fl-10 ta' Diċembru. Ha tintbagħat objection letter u r-risposta għandha tkun "does not conform" ma' l-applikazzjoni.

Is-Sindku Anne Fenech qrat email mingħand il-Perit Robert Zerafa fuq garage li għandu leakage ġo fih. Il-kunsillier Paul Bugeja qal li din diġà kien hemm deċiżjoni fuq triq it-Trill u saqsa x'inhu jitlob? Il-kunsillier Alfred Grima qal li ma jibqax jidħol ilma fil-garage. Is-Sindku Anne Fenech qalet li diġà hemm risposta tal-perit fuq kwistjonijiet simili u għandha tintuża bħala template għal każijiet simili fil-futur.

Is-Sindku Anne Fenech qalet li fuq l-iżvilupp tal-HSBC il-kuntrattur jixtieq it-tower cranes, jaf tnejn, ikunu fuq art pubblika waqt il-kostruzzjoni. Il-kunsillier Alfred Grima qal li la għandu l-kobor ta' art, m'għandux bżonn juża propjetà pubblika. Is-Sindku Anne Fenech qalet li jaf l-art pubblika hija l-art personali tiegħu u peress li qed tintuża mill-pubbliku, il-kuntrattur ikun irrid iġib permezz mill-Kunsill.

Il-kunsillier Mandy Buħagiar qed titlob li l-kunsill isaqsi l-perit jekk hemmx xi soluzzjoni oħrajn? Il-kunsillier Alfred Grima qal li l-kuntrattur m'għandux iktar soluzzjoni. Il-kunsillier Rodney Galea qed isaqsi jekk l-art tiflaħx biżżejjed meta jibda l-qtugħ? Il-kunsilliera Mandy Buħagiar qalet li qed niddiskutu ħafna affarijiet li fuqhom m'hemmx risposta dwarhom. Il-kunsillier Paul Bugeja qal li l-perit irrid jikteb ir-rikjesta bil-miktub u jkun hemm siteplan kif suppost.

Is-Sindku Anne Fenech qalet li s-sur Mario Salerno qed jitlob li jsiru korsijiet edukattivi fuq agrikultura. Il-kunsillier Paul Bugeja saqsa fejn ħa jsiru l-korsijiet? Is-SE qalet li s-sur Mario Salerno irrid jagħmel letter of intent.

Is-Sindku Anne Fenech semmiet it-TCTC. Il-kunsillier Alfred Grima qal li hemm diġà deċiżjoni fuq dan is-suġġett.

Is-Sindku Anne Fenech qalet fuq il-kwistjoni ta' TM rigward il-ħinijiet tal-permessi. Il-kunsillier Alfred Grima qal li inutli qed niddiskutuha.

Is-Sindku Anne Fenech semmiet il-libel tat-Times. Il-kunsillier Alfred Grima qal li l-korrispondenza għandha tiġi quddiem il-bord. Is-SE qalet li r-risposta li bagħtet ma ġietx ippubblikata. Il-kunsillier Alfred Grima qal li l-avukat għandu jkollu l-minuti fejn kien deċiż li s-Sindku tiftaħ il-kawża għan-nom tal-kunsill u mhux f'isem is-Sindku Anne Fenech personali għalkemm saħaq li hu m'huwiex avukat fejn jista' jagħti parir legali. Il-kunsillier Graziella Galea titlob li jkollha l-korrispondenza.

Is-Sindku Anne Fenech qed tiddiskuti s-sekwestru li konna nafu bih qabel ma' wassal ġewwa l-kunsill fejn il-kunsillier Alfred Grima qal li din ma ġietx għal-kunsill. Il-kunsillier Paul Bugeja qal li din mhix kwistjoni ta' sold.

Il-kunsillier Rodney Galea saqsa jekk l-email intbagħtet fuq Wied Qannotta għax kien lest li jmexxi bil-medja. Is-sindku Anne Fenech qalet li riedet tkompli fuq is-sekwestru iżda l-kunsillier Rodney Galea baqa' isaqsi. Il-kunsillier Alfred Grima saqsa lis-Sindku jekk hux ħa tagħmilha taħt il-mistoqsijiet? Is-Sindku wieġbet li kienet ħa tagħmilha taħt il-mistoqsijiet.

Il-kunsillier Dounia Borg qed tispjega xi skema ġdida rigward forum tat-third countru people fejn is-SE kellha l-għażla biex tipparteċipa. Is-SE qalet li ma marritx.

Il-kunsillier Graziella Galea qalet li mmorru għal 74.11, is-Sirens Project. Iżda l-kunsillier Paul Bugeja qal li irridu nimxu ma l-aġenda. Il-kunsillier Alfred Grima ridt point of order fejn qal li s-Sindku għada kif tgħid li ħa twieġeb lil kunsillier Rodney Galea u issa mhux ħa tagħmel hekk u għalhekk jien ħa immur l-hemm. Il-kunsillier Joseph Vella qal li hu kien sejjer ukoll għax saru t-tmienja w nofs.

## 74.11 Item: Sirens Project

Kien hemm qbil mill-Kunsillera kollha preżenti biex jiġi diskuss item 74.11.

Il-kunsilliera preżenti semgħu l-proposta u s-Sindku komplet il-laqgħa minn fejn kienet twaqqfet meta l-president temm id-diskors tiegħu.
Is-sindku Anne Fenech twieġeb lil kunsillier Rodney Galea li nhar it-Tnejn kienet ħa tkun preżenti flimkien mal-perit mar-Rock Cut. Il-kunsillier Rodney Galea qal li bagħat żewġt ritratti f'dan ir-rigward u ridt il-perit jara li x-xogħol sar skond it-tender qabel ma jsir il-pagament.

Is-SE qalet li illum ġie l-kuntrattur ta' Busewdien għax ried ikellimni. Il-kunsillier Rodney Galea saqsa meta ser joħorġu l-fondi tar-rural roads? Saqsa wkoll fiex wasslu l-flus tal-KAB u kif kienu ħa jiġu utilizzati.

F'dan l-istadju s-SE u Shayan Sheikh intalbu joħorġu mill-kamra.

### 74.6 Item: Onorarja tal-Kunsilliera Lulju sa Diċembru 2018
Kien hemm approvazzjoni.

### 74.8 Item: Executive Secretary & Staff Performance Bonus for 2018
Il-Laqgħa ġiet sospiza sakemm ġie diskuss il-Permormance Bonus.
Tkompliet Il-Laqgħa fejn ġew approvati l-performace Bonus tas- SE u tal-istaff.

### 74.12 Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti u approvazzjoni ta' xiri ta' oġġetti jew servizzi
L-iskeda ta' pagamenti ġiet approvata.

### 74.9 Item: Stqarrija maħruġa mill-Kunsill Lokali

### Tmiem il-Laqgħa
Id-data tal-Laqgħa li jmiss għad trid tiġi ikkomunikata.

| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Anne – Marie Fenech | Mariella Strout |
| Sindku | Segretarju Ezekutti |